# Il-Moviment tal-Konsumatur

*Joyce Borg*

**L-ewwel miżuri li nafu bihom li kienu jħarsu l-konsumatur insibuhom fil-liġijiet Bibliċi madwar is-sena 1400 qabel Kristu fejn dawn jiddiskrivu kif għandhom jintużaw imwieżen u piżijiet ġusti. Il-*Magna Carta* ta' l-1215 tistabilixxi l-kejl ta' l-inbid, il-birra, il-qamħ u d-drapp. Min kien jażżarda jagħti bin-nieqes kien jiġi penalizzat u f'ċerti każijiet anke imsawwat. Imbagħad insibu li fl-14 u l-15 il-seklu kienu jittieħdu passi serji anke kontra dawk li jagħtu bin-nieqes fil-piż ta' l-għasel, il-melħ, il-ħut, il-faħam u l-ġobon.**

Iżda ġara li mar-Rivoluzzjoni Industrijali fejn il-makkinarju kien daħal sewwa bħala mezz ta' produzzjoni u ġew stabbiliti l-korporazzjonijiet il-kbar, ma kienx biżżejjed li l-konsumatur jiġi mħares b'dawn il-liġiet biss. B'din il-bidla il-konsumatur sab ma' wiċċu numru kbir ta' prodotti u servizzi li nbigħu b'mod li jkun diffiċli wieħed jiġġudika l-kwalità u xi kultant m'huwiex faċli għall-konsumatur jekk ma jkollux ċertu tagħrif biex jagħmel l-aħjar għażla.

> **"Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tinħass il-ħtieġa li l-konsumaturi jingħaqdu biex isemmgħu leħenhom"**

F'din is-sitwazzjoni u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tinħass il-ħtieġa li l-konsumaturi jingħaqdu biex isemmgħu leħenhom. Kien proprju mitt sena ilu li n-nisa fl-Amerika waqqfu għaqdiet tal-konsumaturi magħrufa bħala *the National Consusmers' League.* Imbagħad 15 ta' Marzu, 1962 il-President J.F. Kennedy li ddikjara uffiċċjalment l-ewwel erba' drittijiet bażiċi fil-15 ta' Marzu, 1962 li kienu: id-dritt għas-Sigurta'; id-dritt għall-Informazzjoni; id-dritt għall-Għazla; u d-dritt li jsemma leħnu. Wara il-President Gerald Ford zied id-dritt għall-edukazzjoni tal-konsumatur.

Fl-Ingilterra nsibu il-moviment tal-kooperattivi li ħadem bla heda f'ħafna oqsma sabiex iħares il-konsumatur. It-twaqqif tal-*Co-operative Party* fl-1917 li kienu membri fil-*House of Commons* u aktar tard fil-*House of Lords* introduċew sensiela ta' liġijiet li jħarsu l-konsumatur. Kien imbagħad fl-1957 li ġiet imwaqqfa l-*Consumers' Association* fuq bażi volontarja bil-għan li ttejjeb u zzomm il-livell tajjeb tal-prodotti u servizzi. Dan tagħmlu billi tippublika l-magazine tagħha ***"Which";*** tittestja prodotti f'laboratorji indipendenti, u tikkonsulta speċjalisti. Din l-Assoċjazzjoni hija mmexxija minn Kunsill volontarju u ndipendenti fejn l-ebda membru tagħha m'għandu x'jaqsam ma' l-industrija, ma' l-irriklamar; jew ma' min imexxi xi negozju.

Fl-Izvezja l-moviment tal-konsumatur nibet fit-tieni gwerra dinjija fejn il-flus u r-risorsi kienu skarsi. Għalhekk il-Gvern ħass il-ħtieġa li barra jirregola l-prezzijiet jikkontrolla r-risorsi u jeduka l-konsumatur. Fl-1940 waqqaf uffiċċju magħruf bħala *"Active Housekeeping"* biex jimmobilizza l-opinjoni pubbliku u jgħin lill-familji jagħmlu l-aħjar uzu mir-risorsi li kellhom. Dan l-uffiċċju kien jaħdem mill-qrib man-nisa u l-organiżazzjonijiet ta' l-għalliema tal-*home economics.* Aktar tard dawn in-nisa u għalliema waqqfu l-*Home Research Institute* bil-għan li jagħmel riċerka; jittestja u jizviluppa prodotti. Fin-nofs tal-ħamsinijiet dan l-istitut ingħaqad mal-*Active Housekeeping* u ġie ffurmat the *National Institute of Consumer Affairs.* Fl-istess zmenijiet twaqqfu wkoll n-*National Consumer Council* u l-*Institute of Informative Labelling.* Ta l-aħħar parti minnu huwa ffinanzjat mill-Gvern biex jistabilixxi l-aħjar metodi ta' l-ittikketjar b'informazzjoni utli dwar il-prodotti. Wara l-gwerra fejn is-sitwazzjoni ekonomika mbagħad tjiebet u żdiedu l-prodotti fejn ir-reklamar beda jinfluwenza l-konsumatur fix-xiri tiegħu, kien ovvju li l-konsumatur għandu bżonn l-għajnuna ta' esperti u protezzjoni minn metodu qarrieqa ta' kummerċ. B'hekk żviluppaw u ġew introdotti liġijiet li jħarsu l-konsumatur. Fis-sittinijiet għaqdiet tan-nisa u *trade unions* iffurmaw kumitati lokali madwar il-pajjiz kollu biex jgħinu lill-konsumaturi fil-problemi tagħhom u jgħaddulhom it-tagħrif meħtieġ. Dawn il-kumitati għaddew taħt it-tmexxija tan-*National Consumer Council* u għadhom sa' llum jipprovdu dawn is-servizzi. Fl-istess waqt twaqqaf ukoll il-*Consumer Complaints Board* taħt it-tmexxija tan-*National Consumer Council.*

Il-*Consumers International* hija għaqda dinjija li taħdem bla qligħ u li ġiet imwaqqfa fl-1960 fl-Olanda. Dak iz-zmien kienet magħrufa bħala *Organisation of Consumers Union.* din il-Federazzjoni ta' Għaqdiet tal-Konsumaturi hija mpenjata biex tħares u tmexxi ċl quddiem l-interessi tal-konsumaturi mad-dinja kollha permezz tat-twaqqif ta' istituzzjonijiet li jħarsu l-konsumatur u tieħu sehem f'laqgħat fejn jittieħdu deċizjonijiet li jistgħu jaffetwaw lill-konsumatur. Din l-Għaqda żiedet tliet drittijiet oħra d-dritt għall-bżonniijiet bażiċi; id-dritt għall-ambjent b'saħħtu; u d-dritt għall-kumpens. Bħalissa din għandha 245 membru li ġejjin minn 110 pajjizi.



*JOYCE BORG DPA, MICA, hija uffiċċjal Prinċipali fid-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur*

Dan huwa messaġġ bi ħlas

## Sources


1. The Law of Weights and Measures, 2nd edition, O'Keefe, Butterworths
2. Balancing the Scales, Part 1: Consumer Protection in Sweden and the United Kingdom, Consumers' International, 1995
3. The Rise of the Consumer Movement, Paper by J.M. Wood, Thursday, 29 June, 1972, The Institute of Weights and Measures Administration
4. Poverty: Rallying for Change, World Consumer Rights Day, 1998, Consumers International